MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1519/1997/1

Reverendu Joe **BORĠ**, Carmel Attard u Sylvana Bonniċi

vs

Felix **AĠIUS**

**Il-Qorti:**

Dan huwa Degriet għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar episodju li nqala' waqt is-smigħ tat-2 ta' Marzu, 2004, dwar jekk l-imħarrek kellux jitħalla jressaq b'xhud lil Dottor Mario Vella, biex "jagħmel il-prova tal-veraċita' tal-inċident li ġie rapportat fl-artikolu msemmi fiċ-Ċitazzjoni";

Illi għal din it-talba, l-atturi ressqu oppożizzjoni għar-raġunijiet motivati fil-verbal tal-imsemmi smigħ;

Illi l-Qorti tinnota li għalkemm il-partijiet, fuq talba tagħhom, ingħataw il-fakulta' li jressqu Noti ta' Riferenzi dwar l-episodju, naqsu li jagħmlu dan saż-żmien mogħti lilhom;

Illi l-Qorti trid tieħu qies taż-żewġ provvedimenti[1] u tas-sentenza *in parte*[2] li ngħataw f'din il-kawża qabel illum mill-istess Qorti diversament presjeduta, li t-tlieta li huma kienu jirrigwardaw provi li l-imħarrek ried jagħmel dwar il-każ tiegħu u fl-istadju li fih kienet waslet il-kawża f'dak iż-żmien;

Illi l-Qorti tifhem li għandha tħares l-imsemmija provvedimenti u, fl-istess waqt u bla ma b'xi mod tippronunzja ruħha dwar il-mertu tal-kawża, tiggarantixxi li ma tagħmel xejn li bih tnaqqas lil xi parti fil-kawża mill-jedd li tressaq il-każ tagħha kif imiss b'mod li tingħata smigħ xieraq;

---

[1] Dak tad-19.5.2000 (paġġ. 91-2 tal-proċess) u dak tat-30.11.2001 (f'paġġ. 109-110) li ordnaw it-tneħħija mill-atti tal-kawża ta' document imressaq mill-imħarrek kontenenti x-xhieda mogħtija minn Philip Rizzo fi proċeduri quddiem il-Kummissjoni tal-Impiegi

[2] Mogħtija fit-22.5.2000, (f'paġġ. 94-8 tal-proċess) li biha ġiet imwarrba t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek

Illi l-Qorti tinnota li l-kawża waslet fl-istadju tal-provi tal-imħarrek dwar l-eċċezzjonijiet li dwarhom għadha ma ngħatat l-ebda deċiżjoni; tinnota li Dottor Mario Vella huwa indikat (fin-Nota mehmuża man-Nota tal-Eċċezzjonijiet) bħala xhud tal-imħarrek; u tinnota li, fi kliem id-difensur tal-atturi waqt is-smigħ tal-25 ta' Frar, 2003[3], m'huwiex probabbli li Philip Rizzo nnifsu se' jkun jista' jinġieb b'xhud tal-imħarrek f'din il-kawża fi żmien raġonevolment qrib jew prevedibbli;

Illi l-Qorti lanqas m'hija lesta li toqgħod titfa' l-kawża minn smigħ għal ieħor sakemm l-imsemmi Philip Rizzo jkun f'qagħda li jagħti x-xhieda tiegħu, bla ma tkun qegħda b'hekk ittawwal is-smigħ tal-każ bla raġuni tajba u bi ksur tar-regoli tal-proċedura;

Illi fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 599 tal-Kap 12, il-Qorti tista' tħalli li tinstama' u tieħu qies tax-xhieda fuq kliem ħaddieħor, f'każijiet "ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti . . . .";

Illi, fil-fehma meqjusa tal-Qorti u lil hinn minn kull stqarrija minn qabel tas-siwi probativ tax-xhieda ta' Dottor Mario Vella, l-imsemmi artikolu proċedurali jsejjes it-talba tal-imħarrek f'dan ir-rigward;

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-tħollija mill-Qorti tas-smigħ tax-xhieda ta' Dottor Mario Vella għandha ssir fil-ħarsien sħiħ tal-provvedimenti fuq imsemmija diġa' meħudin f'din il-kawża u tal-għanijiet preċiżi li għalihom il-kawża tinsab imħollija;

[3] Paġ. 123 tal-proċess

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------